Nru./No. 18,432
Prezz/Price
€3.73

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 2 ta' Ġunju, 2009
Tuesday, 2nd June, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 6897 - 6898
Government Notices ..... *6897 - 6898*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 6898 - 6921
Employment Opportunities ..... *6898 - 6921*

Avviżi tal-Gvern ..... 6922 - 6924
Notices ..... *6922 - 6924*

Offerti ..... 6925 - 6957
Tenders ..... *6925 - 6957*

Avviżi tal-Qorti ..... 6958 - 6972
Court Notices ..... *6958 - 6972*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 411

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 28 imsejjaħ Att dwar l-Awtorità li Tirregola t-Trasport f'Malta.

It-2 ta' Ġunju, 2009

Nru. 412

AVVIŻ LEGALI PPUBBLIKAT FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviż Legali li ġej ġie ppubblikat fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,431 tad-29 ta' Mejju 2009.

A.L. Nru. 161 tal-2009: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65); Regolamenti tal-2009 dwar il-Votazzjoni (Restrizzjoni ta' Aċċess).

It-2 ta' Ġunju, 2009

Nru. 413

KUMMISSJONI DWAR IL-KONTROLL TAL-IŻVILUPP

SKONT l-Artikolu 13(1A) tal-Att dwarl-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 356), il-Prim Ministru approva li s-Sur Reuben Sciortino, B.E.&A (Hons), A&C.E. ikun trasferit mill-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp 'A' għall-Kummissjoni dwar il-Kontroll tal-Iżvilupp 'C' b'seħħ immedjat.

It-2 ta' Ġunju, 2009

Nru. 414

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-Artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Timothy Ellis, LL.D. bħala Nutar Delegat/Konservatur

GOVERNMENT NOTICES

No. 411

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 28 entitled the Malta Transport (Regulatory) Authority Act.

2nd June, 2009

No. 412

LEGAL NOTICE PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notice was published in the Supplement to the Government Gazette No. 18,431 of the 29th May 2009.

L.N. No. 161 of 2009: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); Polling (Restriction of Access) Regulations, 2009.

2nd June, 2009

No. 413

DEVELOPMENT CONTROL COMMISSION

IN terms of Article 13 (1A) of the Development Planning Act, Cap. 356, the Prime Minister has approved that Mr Reuben Sciortino, B.E.&A (Hons), A&C.E. be transferred from the Development Control Commission 'A' to the Development Control Commission 'C' with immediate effect.

2nd June, 2009

No. 414

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Article 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Timothy Ellis, LL.D. to be

tal-Atti tan-Nutar Dott. Peter Fleri-Soler u dan sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mill-25 ta' Mejju, 2009 sad-29 ta' Mejju, 2009.

Illum, 29 ta' Mejju, 2009.

MARISA BORG
Deputat Reġistratur

Notary Delegate/Keeper for Notary Dott. Peter Fleri-Soler, during his absence from these Islands from the 25th May, 2009 till the 29th May, 2009.

This day, 29th of May, 2009.

MARISA BORG
Deputy Registrar

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjonijiet ta' *College Administrators* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE)

**Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni kwalifikati adatti għal pożizzjonijiet ta' *College Administrators* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE).

2. Il-funzjonijiet tad-DSE huma stabbiliti bl-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat bl-Att XIII tal-2006) li jidher fis-sit elettroniku www.education.gov.mt.

3. Il-missjoni tad-DSE hi li jassigura l-operat u l-provvediment ta' servizz b'mod effettiv u effiċjenti fil-Kulleġġi u l-iskejjel tal-Istat f'qafas stabbilit ta' deċentralizazzjoni u awtonomija.

4. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *College Administrator* fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *College Administrator* matul il-perjodu tal-*assignment* ikollha l-*assignment* tagħha tterminat.

5. Il-pożizzjoni ta' *College Administrator* hija fuq bażi *full-time* u l-persuna magħżula tista' titpoġġa fuq massimu ta' ġimgħa ta' xogħol ta' sitt (6) ijiem b'medja ta' erbgħin siegħa fil-ġimgħa fuq medda ta' sena kalendarja skont skeda ta' xogħol kif stabbilità mid-Direttur Ġenerali, DSE, u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Publiku ta' Malta b'mod ġenerali, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-DSE. Persuna tista' tiġi trasferita skont l-esiġenżi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

6. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li jkollha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, tibqa' żżomm il-grad sostantiv tagħha tul il-perjodu tal-*assignment* u terġa lura fil-grad sostantiv hekk kif jintemm l-*assignment*. F'każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li jkollha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku, is-servizz mad-Direttorat (DSE) u mal-Gvern ta' Malta jkun tterminat hekk kif jintemm l-*assignment*.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Positions of College Administrators in the Directorate for Educational Services (DES)

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified persons for the positions of College Administrators in the Directorate for Educational Services (DES).

2. The functions of the DES are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on www.education.gov.mt

3. The mission of the DES is to ensure the effective and efficient operation and delivery of services to the State Colleges and Schools within an established framework of decentralization and autonomy.

4. The selected candidate will be expected to enter into a thirty-six (36) month assignment as College Administrator in the Directorate for Educational Services within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport. Unsatisfactory performance as College Administrator during the assignment period will lead to termination of the assignment.

5. The position of College Administrator is on a full-time basis and may be conditioned to a maximum of a six day working week of an average weekly working time of forty hours averaged over a calendar year on a time-table established by the Director General, DES and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the DES in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

6. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, he will retain his substantive grade during the assignment period and will revert to his substantive grade on termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, his service with the DES as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of the assignment.

7. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li jkollha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, tul il-perjodu tal-*assignment*, tkun appuntata fi grad li għandu skala ta' salarju ogħla minn skala 7, tkun mistennija li tħalli d-dmirijiet ta' *College Administrator* u tkun trasferita fi dmirijiet li jkunu pertinenti għall-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' progressjoni, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-*assignment* stipulat.

8. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *College Administrator* hu ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 7 (€21,244 fl-2009) fis-Servizz Pubbliku ta' Malta. Għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv (fejn applikabbli) tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *allowance* mhux pensjonabbli, f'każ li tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

9. Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet ta' *College Administrator* jinkludu:

is-sorveljanza u l-immaniġġar amministrattiv tal-Kulleġġ ġurnata b'ġurnata;

l-immaniġġar u l-iżvilupp tal-istaff kollu amministrattiv tal-Kulleġġ, eskluż l-istaff edukattiv, li tinkludi stima tal-effiċjenza, id-dixxiplina, l-ispjegar tar-rwoli u t-taħriġ involut;

is-sostenn tal-Kunsill tal-Kapijiet tal-Iskejjel u tal-Kulleġġ fit-twettiq tal-funzjonijiet tal-Kulleġġ;

il-ħolqien ta' sistema tal-*ICT* u tat-treġija tad-data u l-assigurazzjoni tal-immaniġġar effettiv tagħhom, skont kif meħtieġ mid-DSE;

iż-żamma ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni regolari mal-Amministraturi ta' Kulleġġi oħra;

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet ta' *College Administrator* jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku http://www.education.gov.mt/edu/employment_opportunities.htm

10. Il-kwalitajiet imfittxija f'din il-pożizzjoni huma dawk ta' persuni kapaċi, b'għerf, kompetenzi u enerġija biex jiffurmaw parti minn tim fil-Kulleġġ bil-għan li jitwettaq titjib fis-sistema edukattiva Maltija.

11. Sal-ħin u d-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; JEW

(ii) ikunu ċittadini ta' xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea; JEW

7. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service and, during the assignment period, is appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 7, he will be required to relinquish the duties of College Administrator and be transferred to duties pertinent to his new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 7 through progression, he will be allowed to complete his stipulated term of assignment.

8. The salary for the position of a College Administrator is equivalent to the maximum of scale 7 (€21,244 in 2009) in the Malta Public Service. For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93), the difference between the Salary to which the selected candidate is entitled by virtue of his substantive grade (where applicable) and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in case he is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

9. The duties and responsibilities of a College Administrator shall include the following:

overseeing the day to day administrative management of the College;

managing and developing administrative, non-teaching staff within the college, including performance appraisal, discipline, role clarification and training;

supporting the College and the Council of Heads in the fulfilment of the functions of the College;

creating and ensuring the effective maintenance of a data-management and ICT system, as required by the DES;

maintaining regular liaison with other College Administrators;

A detailed job description for the post of College Administrator can be obtained from the website: http://www.education.gov.mt/edu/employment_opportunites.htm

10. The qualities being sought for in this position are those of capable persons, with knowledge, competences and drive to form part of a team within the College with the aim of improving the Maltese educational system.

11. By the closing time and date of this call for applications, applicants must :-

a) (i) be citizens of Malta; OR

(ii) be citizens of another European Union Member State; OR

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li dwarhom ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE fuq il-moviment liberu ta' persuni (f'każ ta' diffikultà dwar il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin); JEW

(iv) ikunu l-konjuġi u t-tfal, ukoll jekk dawn ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' xi persuna minn dawk imsemmija fil-paragrafi (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm dawn ikunu jistgħu jaħdmu f'Malta taħt leġislazzjoni kurrenti. Dan għandu jiġi deċiż bil-parir tad-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet dwar *Expatriates*, fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija fil-paragrafi (ii), (iii) u (iv) hawn fuq tkun teħtieġ il-ħruġ ta' liċenza tal-impjiegi sakemm dan ikun meħtieġ taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni u liġijiet sussidjarji.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (l-applikanti li huma diġà mpjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* [GP 47]. Il-kandidati magħżula għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta dettaljat (Fedina Penali) maħruġ mill-Pulizija mhux aktar kmieni minn tlett (3) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u l-ħatra tagħhom tkun soġġetta li jkollhom kondotta kriminali nadifa;

d) ikollhom *First Degree* rikonoxxuta preferibbilment fil-*Business Administration, Accountancy*, jew *Economics*, jew kwalifika oħra xierqa, komparabbli u rikonoxxuta;

U

ikollhom fil-pussess, jew għandhom l-approvazzjoni għall-għoti, ta' *post-gradute degree* (*Masters)* rikonoxxuta preferibbilment fil-*Business Administration, Accountancy*, jew *Economics*, jew kwalifika xierqa, komparabbli u rikonoxxuta;

U

sena (1) esperjenza ta' xogħol fl-amministrazzjoni u t-taħriġ tal-istaff;

JEW

ikollhom, jew għandhom l-approvazzjoni għall-għoti ta' *First Degree* rikonoxxuta preferibbilment fil-*Business Administration, Accountancy*, jew *Economics*, jew kwalifika oħra xierqa, komparabbli u rikonoxxuta u mill-inqas tlett (3) snin esperjenza fl-amministrazzjoni/*mentoring* tal-istaff;

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in both the Maltese and English languages;

c) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47). Selected candidates will be required to produce a full and detailed Police Criminal Record (Subject Access Request) issued by the Police not earlier than three (3) months from the date of publication of the results by the Public Service Commission and their appointment will be subject to the possession of a clean criminal record.

d) be in possession of a recognised First Degree, preferably in Business Administration, Accountancy or Economics, or a recognised, appropriate, comparable qualification;

AND

be in possession or have been approved for the award of a recognised post-graduate degree (Masters) preferably in Business Administration, Accountancy or Economics, or a recognised, appropriate, comparable qualification;

AND

with one (1) year administrative experience involving the management/mentoring of staff;

OR

be in possession or have been approved for the award of a recognised First Degree, preferably in Business Administration, Accountancy or Economics, or a recognised, appropriate, comparable qualification and with at least three (3) years administrative experience involving the management/mentoring of staff;

e) ikollhom għarfien u esperjenza fuq *budgeting* u mmaniġġar finanzjarju;

h) ikunu kapaċi jħaddmu sew l-applikazzjonijiet tal-W*indows* speċjalment il-*Word Processing*, S*preadsheets* u D*atabases*;

12.1 Persuni reġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilita` (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilita`), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

12.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-DSE u tkun ikkupjata lill-KNPD.

13.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Direttorat konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

13.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

13.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom

e) have knowledge and experience of budgeting and financial management;

f) be able to fully utilise Windows based software applications, especially Word Processing, Spreadsheets and Databases;

12.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for the position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

12.2 Representations in terms of the previous clause should be attached to the application form and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Directorate and copied to the NCPD.

13.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Directorate by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

13.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

13.3 It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of

u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħquxjippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

14.1 Bord tal-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

14.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppublikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE).

14.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt.

14.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, Valletta, ikkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn ikun hemm il-pożizzjoni battala. Il-petizzjonijiet għandom jaslu għand il-Kummissjoni u l-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

15. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dawn il-postijiet.

16. Il-formoli tal-applikazzjoni u L-European Curriculum Vitae Format jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.education.gov.mt

jewjinkisbumis-Sezzjonital-*CustomerCare*,Dipartiment tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

17. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Service and Leave Record Form (GP 47),* sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*European Curriculum Vitae* jridu jintbagħtu lit-Taqsima tal-*Customer Care*, Dipartiment tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal

the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

14.1 Eligible applicants will be interviewed by a selection board to assess their suitability for the position.

14.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Directorate for Educational Services (DES).

14.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt.

14.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

15. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

16 Application forms and European Curriculum Vitae Format may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.education.gov.mt

or obtained from the Customer Care Unit, Human Resources Development Department, Floriana, Directorate for Educational Services, Great Siege Road, Floriana, VLT 2000 or from the Education Office, Victoria, Gozo.

17.1 Applications on the prescribed form, together with a Service and Leave Record Form (GP 47) and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received in the first instance by the Customer Care Unit, Human Resources Development

Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana, VLT 2000 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2009.

L-applikanti jistgħu japplikaw ukoll billi jużaw ir-*recruitment portal*:

http://www.recruitment.gov.mt

18. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax*, jew xi messaġġ ieħor simili, sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand it-Taqsima tal-*Customer Care*, Dipartiment tal-Ivilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal-Servizzi Edukattivi, il-Furjana, VLT 2000 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Victoria, Għawdex mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa +356 21 225630).

19.1 Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn.

19.2 Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. It-Taqsima tal-*Customer Care*, il-Furjana, VLT 2000 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Victoria, Għawdex jibgħat iċċevuta bil-posta fi żmien sebat ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-2 ta' Ġunju, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Resident Specialist (Urology)* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għall-post ta' *Resident Specialist (Urology)* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2. Il-post ta' *Resident Specialist (Urology*) għandu salarju ta' €20,657 fis-sena li jiżdied b'€640.67 fis-sena sa massimu ta' €24,501 (Skala ta' Salarju 5).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru

Department, Directorate for Educational Services, Great Siege Road, Floriana, VLT 2000 or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Friday, 26th June 2009.

2.2 Applicants may also apply using the recruitment portal:

http://www.recruitment.gov.mt

18. Applications received from abroad through a fax, or other similar message, by noon (Central European Time) of Friday, 26th June 2009 will be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Customer Care Unit, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Great Siege Road, Floriana, VLT 2000 or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number is +356-21 225630).

19.1 A receipt will be given at the time of delivery for applications delivered by hand.

19.2 Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. These applications will be acknowledged in writing by the Customer Care Unit, Human Resources Development Department, Directorate for Educational Services, Floriana VLT 2000 or the Education Office, Victoria, Gozo within seven days.

2nd June, 2009

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Resident Specialist (Urology) in the Ministry for Social Policy (Health)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Resident Specialist (Urology) in the Ministry for Social Policy (Health).

2. The post of Resident Specialist (Urology) carries a salary of €20,657 per annum rising by annual increments of €640.67 up to a maximum of €24,501 (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service

għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Il-persuna nominata tista' tiġi ttrasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skont *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skont ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tassisti lill-*Consultant Urologist* fit-tmexxija ġenerali tal-pazjenti.

5.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tagħmel operazzjonijiet, inkluzi dawk serji, fil-limitu tal-esperjenza u t-taħriġ tagħha, taħt id-direzzjoni ġenerali u s-sorveljanza tal-Konsulenti immedjati tagħha.

5.3. Il-persuna nominata trid taħdem skont roster stabbilit u trid tmexxi t-tobba li jkunu xogħol tal-għassa fil-kirurġija. Tkun trid tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa dwar it-tmexxija kirurġika tal-pazjenti u tirreferi għall-Konsulent imsejjaħ għall-parir u direzzjoni skont kif ikun meħtieġ u xieraq.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn il-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tal-Kirurġija u tkun soġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.6. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalita' tas-servizz u verifika medika.

5.7. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

and the Ministry for Social Policy (Health). It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which may include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to assist the Consultant Urologist in the overall management of patients.

5.2. The appointee will be required to operate cases, including major surgery, within his/her experience and training under the overall direction and supervision of his/her immediate Consultants.

5.3. The appointee will perform duties according to established roster and will lead the surgical team on duty. He/She will take all the relevant decisions involving surgical management of patients and will refer to the Consultant "on call" for advice and direction as necessary and appropriate.

5.4. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates as required and to participate in on-going research programmes.

5.5. The appointee will be responsible to his/her immediate consultant and ultimately to the Clinical Chairperson of the Department of Surgery and his/her duties will be subject to review as necessary from time to time.

5.6. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.7. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Social Policy (Health).

6. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u legiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) (i) ikollhom Ċertifikat maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta li t-taħriġ fil-*Urology* huwa komplut;

JEW

(ii) ikollhom isimhom imniżżel fil-*Urology Specialist Register;*

JEW

(iii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fil-*Urology Specialist Register;*

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Department of Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) i) be in possession of a certificate of completion of training in Urology by the local Specialist Accreditation Committee;

OR

(ii) inclusion in the Urology Specialist Register;

OR

(iii) be approved for inclusion in the Urology Specialist Register;

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for

(6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet specjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa), mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage),* li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorita' pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet,

applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Social Policy (Health) and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Social Policy (Health) by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time-limit, up to a further one month, to the Head of Department

u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, Valletta, u kkuppjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard min-nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2009 .

10. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment, Maison Demandols, South Street, Valletta VLT 2000 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 26th June 2009.

11. l-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta VLT 2000.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-fax jew xi mesaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formula tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment huwa +356-21 251356).

13. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn għand id-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur Servizzi Korporattivi, Minister tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-2 ta' Ġunju, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Staff Nurse* fuq Bażi *Full-time*/*Staff Nurse* fuq Bażi *Part-time* fil-Ministeru għall-Politika Socjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Staff Nurse* fuq bażi *full-time*/*Staff Nurse* fuq bażi *Part-Time* fil Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2.1. Il-post ta' *Staff Nurse* fuq bażi *full-time*/*Staff Nurse* fuq bażi *Part-Time* għandu salarju ta' €13,182 fis-sena li jiżdied b'€354.17 fis-sena sa massimu ta' €15,307 (Skala ta' Salarju 12). Persuna fil-grad ta' *Staff Nurse* tiżdied fis-salarju għal Skala ta' Salarju 10 b'salarju ta' €14,920 fis-

11. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Personnel Section, Ministry of Finance, the Economy and Investment, Maison Demandols, South Street, Valletta VLT 2000.

12. Applications received from abroad through fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 26th June 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment is +356 21251356.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment, within seven (7) days.

2nd June, 2009

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Staff Nurse on a Full-Time Basis/Staff Nurse on a Part-Time Basis in the Ministry for Social Policy (Health)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the posts of Staff Nurse on a full-time basis/Staff Nurse on a Part-Time basis in the Ministry for Social Policy (Health).

2.1. The post of Staff Nurse on a full-time basis / Staff Nurse on a Part-Time basis carries a salary of €13,182 per annum rising by annual increments of €354.17 up to a maximum of €15,307 (Salary Scale No 12). A Staff Nurse will progress to Salary Scale No. 10 with a salary of €14,920

sena li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €17,366 meta tagħlaq ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Is-salarju ta' persuna fil-grad ta' *Staff Nurse*/*Part-Time Staff Nurse* li għandha l-*BSc(Nursing)* huwa €14,920 fis-sena li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €17,366 (Skala ta' Salarju 10). Persuna fil-grad ta' Staff Nurse ggradwata tiżdied fis-salarju għal Skala ta' Salarju 9 b'salarju ta' €15,873 fis-sena li jiżdied b' €447.17 fis-sena sa massimu ta' €18,556 meta tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' Staff Nurse ggradwata jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuni nominati jkunu intitolati għall-benefiċċji l-oħra u soġġetti għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time*/*part-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Il-persuna nominata tista tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Staff Nurse* jinkludu:

a) provvediment ta' kura effettiva u effiċjenti lill-grupp speċifikat ta' pazjenti u li tieħu sehem fl-edukazzjoni ta' *junior staff,* ta' persuni li jkunu fuq żjara, kif ukoll ta' studenti;

b) għoti ta' informazzjoni lin-*Nursing Officer* u lill-membri oħra tal-i*staff* biex jiġi assigurat l-użu effiċjenti u effettiv ta' impjegati u riżorsi;

ċ) tagħlim u sorveljanza ta' *junior staff* u studenti skont il-livell tal-kompetenza/esperjenza tagħha.

d) użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mill-*Personnel Section*, (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol bil-lejl skont *rosters* stabbiliti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

6. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

per annum rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €17,366 on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. The salary of a Staff Nurse on a full-time basis / Staff Nurse on a Part-Time basis in possession of a BSc (Nursing) is €14,920 per annum rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €17,366 (Salary Scale No. 10). A graduate Staff Nurse will progress to Salary Scale No 9 with a salary of €15,873 per annum rising by annual increments of €447.17 up to a maximum of €18,556 (on completion of two years service as graduate Staff Nurse, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full time/part time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Social Policy (Health). It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Staff Nurse include :

a) providing safe, effective and efficient care to a specified group of patients and participating in the education of junior/ visiting staff and students;

b) giving information to the Nursing Officer and other members of staff to ensure the efficient and effective use of personnel and resources;

c) teaching and supervising junior staff and students according to own level of competence/experience;

d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Social Policy (Health).

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

5. The selected candidates will be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Ministry for Social Policy (Health).

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati mal-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li se jiggradwaw fin-*Nursing* fis-sena 2009 bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 6(a), (b) u (d). Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu juru ċ-Ċertifikat ta' reġistrazzjoni indikat f'paragrafu 6(c) qabel ma jingħataw il-ħatra.

7.2. L-applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu offruti ħatra biss wara li tkun ġiet eżawrita l-lista tal-applikanti l-oħra kollha li jkunu għaddew mill-intervista skont paragrafu 6 dejjem jekk ikun għad baqa' postijiet vakanti.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Department of Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration with the Council for Nurses and Midwives (Malta);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47). Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Applications will also be considered from candidates who will be graduating in Nursing in the year 2009 provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 6(a), (b) and (d). If selected, such candidates must produce the Certificate of registration indicated in paragraph 6(c) before appointment.

7.2. Successful applicants under this paragraph will be offered an appointment only after the list of successful applicants under paragraph 6 has been exhausted, provided vacancies are available.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements

għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

9.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

9.3. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage),* li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbilta' ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibgħatu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat tal-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice board*

for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Social Policy (Health) and copied to the NCPD.

9.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Social Policy (Health) by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time-limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

1.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice

tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

10.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali kollha.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, Valletta, u kkuppjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gażżetta tal-Gvern.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

12. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

13. Il-formoli preskritti tal-applikazzjoni flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard min-nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2009.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Ġunju 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-2 ta' Ġunju, 2009

board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Social Policy (Health).

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Public Service Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of the publication of the result in the Government Gazette.

11. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources (Health), 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 26th June 2009.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 26th June 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry for Social Policy (Health) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Ministry for Social Policy (Health) are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) within seven days.

2nd June, 2009

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI
(SAĦĦA)

Riżultati tal-Intervisti għall-Postijiet fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

Id-Direttur Ġenerali *(Resources* u *Support)* jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Saħħa), 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:

Principal Physiotherapist fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

Post of Operations Manager (Biomedical Engineering) in Laboratory Equipment and Medical Gas Equipment fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

Post of Principal Scientific Officer (Radiotherapist Physicist) fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

Posts of Assistant Technical Officer in the Biomedical Engineering Section fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

It-2 ta' Ġunju, 2009

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY
(HEALTH)

Results of Interviews for Posts in the Health Division in the Ministry for Social Policy

The Director General (Resources and Support) notifies that the results of the interview for the undermentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Ministry for Social Policy (Health), 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:

Principal Physiotherapist in the Ministry of Social Policy

Operations Manager (Biomedical Engineering) in Laboratory Equipment and Medical Gas Equipment in the Ministry of Social Policy

Principal Scientific Officer (Radiotherapist Physicist) in the Ministry for Social Policy

Assistant Technical Officer in the Biomedical Engineering Section in the Ministry for Social Policy

2nd June, 2009

MINISTERU TAL-FINANZI, L-EKONOMIJA U INVESTIMENT

Riżultat għall-Postijiet ta' Uffiċjal Tekniku Prinċipali fit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern

Id-Direttur Ġenerali (Taqsima Proprjetà tal-Gvern), jgħarraf li r-riżultat għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice board,* fit-Taqsima Proprjetà tal-Gvern, fil-Berġa tal-Baviera, Valletta, u l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, Valletta.

It-2 ta' Ġunju, 2009

MINISTRY OF FINANCE, THE ECONOMY AND INVESTMENT

Result for the Posts of Principal Technical Officer in the Government Property Division

The Director General (Government Property Division), notifies that the result for the above mentioned posts, has been published and can be viewed on the notice-board at the Government Property Division, Auberge de Baviere, Valletta, and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

2nd June, 2009

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Riżultat tal-Eżamijiet għall-Ħruġ ta' Liċenzi ta' *Engine Driver* fuq l-Art - Mejju 2009

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat tal-eżami msemmi hawn fuq intbagħat lill-kandidati kkonċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx ir-riżultat huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana fuq in-numru tat-telefon 2598 2216.

It-2 ta' Ġunju, 2009

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Examination Results for the Issue of Engine Driver Licences (Land) - May 2009

The Director of Examinations notifies that the result of the above mentioned examination has been sent to the candidates concerned.

Those applicants who have not received the result are advised to contact the Department of Examinations, Floriana on telephone number 2598 2216.

2nd June, 2009

ATT TAL-2003 DWAR ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW

ATT NRU. XVI TAL-2003

Avviż

Ngħarrfu illi skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13 tal-Att tal-2003 dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u tal-artikolu 43 tal-Att tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, b'ordni tal-Uffiċjal Reviżur saret din iż-żieda fir-Reġistru Elettorali tal-Unjoni Ewropea ippubblikat f'April, 2009.

ŻIEDA

Tabone Patricia Ghislaine – 15000A – 6, Triq Hal Far, Safi

It-2 ta' Ġunju, 2009

EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT, 2003

ACT NO. XVI OF 2003

Notice

In terms of section 13 of the European Parliament Elections Act, 2003 and of section 43 of the General Elections Act, 1991, it is notified that by order of the Revising Officer, the following addition was made in the European Union Electoral Register published in April, 2009.

ADDENDA

2nd June, 2009

AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA

L-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta tgħarraf li sal-4 ta' Ġunju 2009 se jkunu jsiru xogħlijiet fit-toroq fil-lokalitajiet li ġejjin:

B'seħħ immedjat Triq San Pawl, Bormla se tkun magħluqa għat-traffiku.

Vetturi li jkunu għaddejjin minn Triq San Pawl, Bormla (it-triq li twassal għall-knisja parrokkjali ta' Marija Bambina, l-Isla) se jiġu kkontrollati mill-*Enforcement Officers* tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

Nhar l-Erbgħa t-3 ta' Ġunju, 2009**,** Triq San Pawl il-Baħar, il-Mellieħa (Telgħa ta' Selmun), se tkun magħluqa għat-traffiku.

Vetturi li jkunu għaddejjin minn Triq il-Kbira, il-Mellieħa (Belle View) fid-direzzjoni lejn ix-Xemxija se jiġu ddevjati lejn it-toroq li ġejjin: Louis Wettinger (Dawret il-Mellieħa), il-Mellieħa, il-Knisja l-Qadima, il-Manikata (Ħal Ferħ Complex/Stables) għal Għajn Tuffieħa fid-direzzjoni lejn San Pawl il-Baħar. Traffiku ta' vetturi mix-Xemxija (Beachhaven) fid-direzzjon lejn il-Mellieħa mhux se jiġu affettwati. Karozzi tal-linja minn u lejn il-Mellieħa mhux se jiġu affettwati.

Nhar il-Ħamis l-4 ta' Ġunju, 2009, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar se tkun magħluqa għat-traffiku

Vetturi u trasport pubbliku minn Triq San Pawl (Veċċa), San Pawl il-Baħar se jiġu ddevjati lejn it-toroq li ġejjin: il-Katidral (Mecca), San Ġwann, San Frangisk, it-Torri u San Pawl (ħdejn l-uffiċini tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar). Vetturi u karozzi tal-linja fid-direzzjoni lejn ix-Xemxija mhux se jiġu affettwati.

Mhux se jitħalla parkeġġ tul it-toroq imsemmija bejn is-7.00 a.m. u t-8.00 p.m. fil-ġurnata li fiha se jkunu għaddejjin ix-xogħlijiet.

It-2 ta' Ġunju, 2009

On Wednesday 3rd June, 2009, Triq San Pawl il-Baħar, Mellieħa (Telgħa ta' Selmun) will be closed to traffic.

Vehicular traffic from Triq il-Kbira, Mellieħa (Belle View) in the direction towards Xemxija will be diverted through the following streets: Louis Wettinger (Mellieħa Bypass), il-Mellieħa, il-Knisja l-Qadima, il-Manikata (Ħal Ferħ Complex/Stables) onto Għajn Tuffieħa in the direction towards St Paul's Bay. Vehicular traffic from Xemxija (Beachhaven) in the direction towards Mellieħa will not be impeded. Public tranpsort to and from Mellieħa will not be impeded.

On Thursday 4th June, 2009, Triq San Pawl, Saint Paul's Bay, will be closed to traffic.

Vehicular traffic and public transport from Triq San Pawl (Veċċa) will be diverted through the following streets: il-Katidral (Mecca), San Ġwann, San Franġisk, it-Torri and San Pawl (near St Paul's Bay Local Council Offices). Vehicular traffic and public transport in the direction towards Xemxija will not be impeded.

On street parking will not be permitted along the above-mentioned roads between 7.00 a.m. and 8.00 p.m. on the day that works are being executed.

2nd June, 2009

INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2002 = 100)

	2009
Jannar	116.44
Frar	117.59
Marzu	118.50
April	118.65

Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–

Oġġetti	Marzu 2009	April 2009	Effett fuq l-Indiċi
Ikel			
Ħaxix	272.11	220.04	-0.53
Ħwejjeġ u Żraben			
Ħwejjeġ tan-nisa	87.63	90.68	0.06
Żraben tan-nisa - bil-wiċċ tal-ġilda	87.89	92.96	0.06
Ilma, Dawl, Gass u *Fuels*			
Kontijiet tad-dawl	226.07	188.67	-0.53
Gass	103.04	141.17	0.09
Trasport u Komunikazzjoni			
Servizzi tat-trasport bl-ajru	88.01	101.39	0.66
Fuels	125.20	127.40	0.08

RETAIL PRICE INDEX

All Items (December 2002 = 100)

	2009
January	116.44
February	117.59
March	118.50
April	118.65

Items causing most change:–

Items	March 2009	April 2009	Effect on Index
Food			
Vegetables	272.11	220.04	-0.53
Clothing and Footwear			
Women's outerwear	87.63	90.68	0.06
Womens' footwear - with uppers of leather	87.89	92.96	0.06
Water, Electricity, Gas and Fuels			
Electricity charges	226.07	188.67	-0.53
Gas	103.04	141.17	0.09
Transport and Communication			
Air transport services	88.01	101.39	0.66
Fuels	125.20	127.40	0.08

It-2 ta' Ġunju, 2009

2nd June, 2009

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-4 ta' Ġunju, 2009, għal:

CT/A/010/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2172/20079 Baġi ta' ftehim għall-provvista ta' konkos tat-tip *ready mix* għal użu ġenerali u marittimu f'Malta (2009/2010) (Reġjuni tat-Tramuntana u Nofsinhar) – lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Kopja tad-dokument tal-offerta jista' jitniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-21 ta' April 2009.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-9 ta' Ġunju, 2009, għal:

CT 148/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2574/2008. Provvista ta' kapsoli *venlafaxine 75mg* – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-7 ta' April 2009.

CT 150/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2072/2009. Disinjar, provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' xogħlijiet mekkaniċi u tal-elettriku relatat għat-tkomplija ta' *water features* fit-Ta' Qali Adventure Park – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-14 ta' April 2009.

CT 165/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2052/2009. Provvista ta' *imiprenem* u *cilastatin 500mg* għal *IV vials* – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT/A/011/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2046/2009. Provvista ta' tagħmir kontra t-tniġġis miż-żejt u l-HNS –Awtorità Marittima Maltija.

Dan huwa a *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija ko-finanzjata minn għotja ta' fondi mill-Iżlanda, Liechtenstein u n-Norveġja taħt il-Mekkaniżmu Finanzjarju tal-EEA.

(*Budget* Stmat: €810,000.00 mingħajr l-V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-23 ta' April 2009.

CT/A/012/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2649/2008. Disinn, provvista, konsenja, stallazzjoni, ittestjar u kummissjunar ta' *digital HD virtual television studio* komplut

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 4th June, 2009, for:

CT/A/010/2009 - Contracts Ref No, CT 2172/2009. Framework agreement for the supply of ready mix concrete for general and maritime use in Malta (2009/2010) (North and South Region) – to the Procurement Section of the Contracts Department. A copy of the tender document may be downloaded from the website http://www.contracts.gov.mt

The EU Contract Notice was dispatched on 21st April 2009.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 9th June, 2009, for:

CT 148/2009 - Contracts Ref No, CT 2574/2008. Supply of venlafaxine 75mg capsules – Health Division. A fee of €5.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 7th April 2009.

CT 150/2009 - Contracts Ref No, CT 2072/2009. Design, supply, installation and commissioning of mechanical and related electrical works for the completion of water features at Ta' Qali Adventure Park – Works Division. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 14th April 2009.

CT 165/2009 - Contracts Ref No, CT 2052/2009. Supply of imiprenem and cilastatin 500mg for IV vials – Health Division. A fee of €5.00 will be charged for each copy of tender document.

CT/A/011/2009 - Contracts Ref No. CT 2046/2009. Supply of oil and HNS pollution response equipment – Malta Maritime Authority.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is supported by a grant from Iceland, Liechtenstein and Norway through the EEA Financial Mechanism.

(Estimated Budget: €810,000.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 23rd April 2009.

CT/A/012/2009 - Contracts Ref No. CT 2649/2008. Design, supply, delivery, installation, testing and commissioning of a complete digital HD virtual television studio and editing

u faċilitajiet ta' *editing* fl-Istitut tal-Arti u d-Disinn, Misraħ l-Għonoq, il-Mosta – Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta sejra tkun parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* Stmat: €1,366,296.00 mingħajr il-V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-27 ta' April 2009.

facilities at the MCAST Institute of Art and Design, Misraħ l-Għonoq, Mosta – Malta College of Arts, Science and Technology. A copy of the tender document may be downloaded from the website http://www.contracts.gov.mt

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €1,366,296.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 27th April 2009.

CT/A/ 013/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2017/2009. Bini ta' *submarine outfall* f'Ta' Barkat, limiti tax-Xgħajra – Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Kopja tad-dokument ta' l-offerta jista' jitniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt

Dan huwa a *Works Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta qiegħda tiġi kkunsidrata biex tkun parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond ta' Koeżjoni 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* Stmat: €7,000,000.00 mingħajr l-V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-27 ta' April 2009.

CT/A/013/2009 - Contracts Ref No. CT 2017/2009. Construction of a submarine outfall at Ta' Barkat, limits of Xgħajra – Water Services Corporation. A copy of the tender document may be downloaded from the website http://www.contracts.gov.mt

This is a Works Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is being considered for part-financing by the European Union under the Cohesion Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €7,000,000.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 27th April 2009.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-16 ta' Ġunju, 2009, għal:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 16th June, 2009, for:

CT 153/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2240/2008. Provvista ta' *recombinant human deoxyribonuclease 2.5mg ampoules* – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-16 ta' April 2009.

CT 153/2009 - Contracts Ref No, CT 2240/2008. Supply of recombinant human deoxyribonuclease 2.5mg ampoules – Health Division. A fee of €5.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 16th April 2009.

CT 154/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2242/2008. Provvista ta' *measles, mumps* u *rubella (MMR) vaccine* – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-16 ta' April 2009.

CT 154/2009 - Contracts Ref No, CT 2242/2008. Supply of measles, mumps and rubella (MMR) vaccine – Health Division. A fee of €5.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 16th April 2009.

CT 160/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2631/2008. Provvista, stallazzjoni u kummissjonar ta' *ultra high performance liquid chromatograph* u *detectors* għat-tisħiħ tal-faċilitajiet analitiċi fid-Dipartiment tal-Kimika – Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa a *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* Stmat: €175,250.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-20 ta' April 2009.

CT 160/2009 - Contracts Ref No, CT 2631/2008. Supply, delivery, installation and commissioning of an ultra high performance liquid chromatograph and detectors for strengthening the analytical facilities at the Department of Chemistry– University of Malta. A fee of €60.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €175,250.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 20th April 2009.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-18 ta' Ġunju, 2009, għal:

CT 159/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2438/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *oxaliplatin* 50mg u 100mg – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-20 ta' April 2009.

CT 162/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2491/2008. Provvista ta' pilloli *quetiapine 200mg* – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-21 ta' April 2009.

CT 163/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2518/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *filgrastim* – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-22 ta' April 2009.

CT 164/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2607/2008. Provvista ta' servizzi ta' tindif fis-siti kollha tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija – Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-22 ta' April 2009.

CT/A/014/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2216/2009. Bażi ta' Ftehim għall-provvista ta' karta tat-tip *xerographic* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Kopja tad-dokument tal-offerta jista' jitniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fid-29 ta' April 2009.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-23 ta' Ġunju, 2009, għal:

CT 166/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2524/2008. Provvista ta' *peritoneal dialysis bags* u aċċessorji għall-Home Choice System – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-23 ta' April 2009.

CT 167/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2545/2008. Provvista ta' *PTCA balloons* – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-23 ta' April 2009.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 18th June, 2009, for:

CT 159/2009 - Contracts Ref No, CT 2438/2008. Supply of oxaliplatin 50mg and 100mg injections – Health Division. A fee of €5.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th April 2009.

CT 162/2009 - Contracts Ref No, CT 2491/2008. Supply of quetiapine 200mg tablets – Health Division.

A fee of €5.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 21st April 2009.

CT 163/2009 - Contracts Ref No, CT 2518/2008. Supply of filgrastim injections – Health Division. A fee of €5.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd April 2009.

CT 164/2009 - Contracts Ref No, CT 2607/2008. Provision of cleaning services to all Malta College of Arts, Science and Technology sites – Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd April 2009.

CT/A/014/2009 - Contracts Ref No. CT 2216/2009. Framework agreement for the supply of xerographic paper to the Procurement Section of the Contracts Department. A copy of the tender document may be downloaded from the website http://www.contracts.gov.mt

The EU Contract Notice was dispatched on 29th April 2009.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 23rd June, 2009, for:

A copy of this letter is being sent to your insurer GasanMamo Insurance Limited, which is being made exclusively, not limited for the purposes of interuption of prescription, in terms of Cap. 12 and 16 of the Laws of Malta.

With costs and legal interests.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 27th May 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

936

Bejgħ b'Liċitazzjoni numru 11/2009 - "Francis Tabone et versus Dominic Formosa et"

B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fit-12 ta' Mejju 2009, fl-atti tar-rikors ġuramentat numru 26/2009 fl-ismijiet "Francis Tabone et versus Dominic Formosa et" ġie ordnat il-BEJGĦ B'LIĊITAZZJONI tal-fond 16, Triq San Ġużepp, ir-Rabat, Għawdex liema rkant għandu jsir nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Lulju 2009 fid-9.00 a.m. u sakemm tiġi aġġudikata l-ogħla offerta fil-bini tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, ir-Rabat, Għawdex. L-ewwel offerta tibda minn €209,643.61ċ. F'dan il-bejgħ jistgħu joffru biss il-partijiet fil-kawża u mhux miftuħ għall-barranin.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali.

Illum, it-28 ta' Mejju 2009

ANTHONY MIZZI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Judicial Sale by Licitation number 11/2009 - "Francis Tabone et versus Dominic Formosa et"

By virtue of a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, on the 12th May 2009, in the records of sworn application number 26/2009 in the names "Francis Tabone et versus Dominic Formosa et" the Court ordered the judicial SALE BY LICITATION of the premises 16, Saint Joseph Street, Victoria, Gozo which sale is to be held on Friday, 17th July 2009 at 9.00 a.m. and till the highest bid is adjudicated, at the Gozo Courts, in Cathedral Square, Victoria, Gozo. Bids are to start at €209,643.61c. This sale is restricted to the parties in the said lawsuit and is not open to the public.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section.

This 28th May 2009

ANTHONY MIZZI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

937

B'digriet tal-20 ta' Ottubru 2008, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 669/05 FS, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Shelving Systems Ltd et noe, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà Shelving Systems Ltd, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Nota ta' Osservazzjonijiet ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 669/05 FS, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Shelving Systems Ltd, et noe, fit-30 ta' April 2009, is-soċjetà HSBC Bank Malta plc, esponiet bir-rispett:

Illi permezz tal-kawża odjerna l-bank attur, wara li ppremetta illi in forza ta' kuntratt in atti Nutar Dott. Hugh Grima, tad-19 ta' Ottubru 1999, il-Bank attur ta faċilità ta' overdraft lis-soċjetà konvenuta sas-somma ta' €69,881.20; illi permezz ta' skrittura datata 3 ta' Settembru 1999, il-konvenuta Carmen Bonavia u żewġha Joseph Bonavia, illum mejjet daħlu garanti in solidum, flimkien mas-soċjetà konvenuta, a favur il-bank attur, għar-rifużjoni tal-ammont dovut fuq l-imsemmija faċilità bankarja sas-somma ta' €69,881.20, oltre l-imgħaxijiet dovuti; illi l-bilanċ attwalment dovut fuq l-imsemmija somma huwa ta' €97,854.65, oltre s-somma ta' €5,190.31, rappreżentanti mgħaxijiet dovuti sat-2 ta' Mejju 2005, oltre l-imgħaxijiet ulterjuri, sad-data tal-effettiv pagament u illi l-konvenuti nonostante li ġew

By a decree of the 20th October 2008, in the records of the Writ of Summons number 669/05 FS, in the names HSBC Bank Malta plc vs Shelving Systems Ltd, et noe, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the company Shelving Systems Ltd, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Note of Observations, filed, in the First Hall Civil Court, in the records of the Writ of Summons number 669/05 FS, in the names HSBC Bank Malta plc vs Shelving Systems Ltd, et noe, on the 30th April 2009, the company HSBC Bank Malta plc, pleaded with respect:

That by means of the present cause, the plaintiff bank, after having premised that in force of a contract in the records of Notary Dr Hugh Grima, of the 19th October 2009, the plaintiff Bank granted an overdraft facility to the defendant company, up to €69,881.20; that by means of a writing dated 3rd September 1999, the defendant Carmen Bonavia and her husband Joseph Bonavia, today deceased were sureties in solidum with the defendant company, in favour of the plaintiff bank, for the refund of the amount due on the said banking facility up to the sum of €69,881.20, besides the interests due; that the balance actually due on the said sum is of €97,854.65, besides the sum of €5,190.31, representing interests due up to the 2nd May 2005, besides further interest, till the date of effective payment and the

interpellati sabiex iħallsu baqgħu inadempjenti talab illi din l-Onorabbli Qorti: 1) Tiddeċiedi skont it-talba bid-dispensa mis-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; 2) tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom iħallsu lill-Bank attur is-somma komplessiva ta' €103,044.96 …omissis… bl-ispejjeż u bl-imgħax legali ulterjuri …omissis... fuq is-somma intiera ta' €103,044.96 mid-data tal-preżentata tal-kawża, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni.

Illi l-konvenuta Carmen Bonavia eċċepiet illi 1) id-dritt tal-azzjoni promossa mis-soċjetà attriċi huwa ostakolat bit-trapass tal-perjodu preskrittiv; 2) illi l-konvenuta ġiet meħlusa mill-obbligu tal-garanzija ...omissis… 3) Illi l-konvenuta ġiet meħlusa mill-obbligu tal-garanzija in konsegwenza għall-ħelsien da parti tas-soċjetà attriċi tal-garanti solidali l-oħra Anthony u Margareth konjugi Ellul; 4) Illi l-azzjoni attriċi hija intempestiva fit-termini tal-klawsola 3 tal-iskrittura… omissis… 5) Illi l-garanzija mogħtija minn Carmen Bonavia permezz tal-iskrittura datata 3 ta' Settembru 1999, hija nulla u bla effett... 6) Illi l-konvenuta m'għandhiex tbati spejjeż tal-kawża …omissis... 7) l-ammont reklamat għandhu jiġi ippruvat fl-intier tiegħu peress li dan huwa eccessiv.

Fatti.

Il-fatti li anteċedew l-odjerna kawża ġew ampjament deskritti sew fl-affidavit tax-xhud Dott. Daphne Dodebier, Avukat fl-uffiċċju legali tal-Bank attur, kif ukoll fix-xhieda ta' Chris Sladden, bank manager mal-bank attur u a skans ta' ripetizzjoni ssir riferenza ampja għalihom.

Il-fatti saljenti huma s-segwenti.

Eċċezzjonijiet tal-konvenuta Carmen Bonavia.

L-Ewwel Eċċezzjoni.

Il-konvenuta teċċepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali. Tali eċċezzjoni bir-rispett kollu lanqas tista' tiġi trattata stante li ma ġie invokat l-ebda Artikolu tal-Liġi li jsostniha.

…omissis…

Barra minn hekk darba li l-overdraft kien kopert b'ipoteka u l-imgħax kien qed jiġi kapitalizzat f'kapital ġdid ukoll munit b'ipoteka l-preskrizzjoni applikabli hi dik ta' tletin sena ….omissis…

It-Tieni Eċċezzjoni.

It-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta li permezz tagħha teċċepixxi li 'ġiet meħlusa mill-obbligu tal-garanzija peress illi ma tistax isseħħ favur tagħha s-surroga tad-drittijiet, ipoteki u privileġġi tal-kreditriċi s-soċjetà attriċi.' Ma fiha

defendants notwithstanding that they were called upon to pay remained in default, asked this Honourable Court; 1) To decide according to the demand without proceeding to a hearing of the cause in terms of Article 167 of the Code of Organisation and Civil Procedure; 2) condemn the defendants in solidum between them to pay the plaintiff bank the global sum of €103,044.96 …omissis… with costs and further legal interest ...omissis.. on the entire sum of €103,044.96 from the date of filing of the cause, till the date of effective payment, against the defendants summoned so that a reference to their evidence be made.

That the defendant Carmen Bonavia pleaded that 1) the right of action brought forward by the plaintiff company is obstacled by the passage of the prescriptive period; 2) that the defendant was exhonerated from the obligation of giving security…omissis…, 3) That the defendant was freed from the obligation of security following the exhoneration by the plaintiff company of the other sureties in solidum Anthony and Margareth spouses Ellul; 4) That the plaintiff's action is untimely in terms of clause 3 of the writing ...omissis... 5) That the security given by Carmen Bonavia by means of the writing dated 3rd September 1999 is null and without effect… 6) That the defendant should not bear expenses of the cause …omissis... 7) the amount claimed should be proved in its entirety because it is excessive.

Facts.

The facts which preceeded the present cause were amply described both in the affidavit of the witness Dr Daphne Dodebier, Advocate in the Legal Office of the plaintiff Bank, as well as the evidence of Chris Sladden, bank manager, with the plaintiff bank and in order to avoid repetition ample reference should be made to them.The salient facts are the following.

Pleas of the defendant Carmen Bonavia.

The First Plea.

The defendant pleads the five year prescription. Such plea with all respect cannot be discussed as no Article of Law supporting it was brought forward

…omissis…

Apart from this the overdraft was covered by a hypothec and interest was being accrued on new capital, safeguarded, with a hypothec the prescription applicable is that of thirty years….omissis…

The Second Plea.

The second plea of the defendant by means of which she was freed from the obligation of security, because there cannot take place in her favour the subrogation of rights, hypothecs and privileges of the creditor plaintiff company.

l-ebda fundament fattwali u ma hi sostnuta minn ebda argument legali …omissis…

It-Tielet Eċċezzjoni.

Din l-eċċezzjoni bir-rispett kollu għandha mill-frivolu. Teċċepixxi li ġa ladarba l-garanti in solidum l-oħra ġew mehlusa mill-garanzija (stante li ħallsu sehemhom) allura l-konvenuta Carmen Bonavia ġiet ukoll meħlusa mill-obbligu tal-garanzija. Ma tantx hemm x'jingħad dwar tali eċċezzjoni ħlief li hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u ma hi sorretta minn ebda provvediment legali jew ġurisprudenza…omissis...

Ir-Raba' Eċċezzjoni.

Il-konvenuta teċċepixxi li l-azzjoni hija intempestiva u tinvoka klawsola 3 tal-iskrittura tat-3 ta' Settembru 1999… omissis... b'din l-eċċezzjoni l-konvenuta tagħti x'tifhem illi ma ġietx interpellata permezz ta' 'notice in writing' qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna. Din l-eċċezzjoni wkoll hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Jirriżulta li l-konvenuta Carmen Bonavia u żewġha kienu ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali numru 1110/2003 ippreżentata fit-12 ta' Settembru 2003 u debitament notifikata lill-konjugi Bonavia….omissis… mingħajr preġudizzju għall-premess il-ġurisprudenza tal-Qrati ta' Malta, tgħallem illi r-rikors ġuramentat fih innifsu jikkostitwixxi interpellazzjoni għall-ħlas ...omissis…

Il-Ħames Eċċezzjoni.

Il-konvenuta teċċepixxi li l-garanzija tat-3 ta' Settembru 1999, hija nulla u bla effett, għaliex tallega li l-kunsens tagħha 'kien ivvizzjat bi żball dwar fatt ossia dwar il-persuna'. Fl-ewwel lok il-konvenuta ma ġabet l-ebda prova li remotament tissostanzja din l-eċċezzjoni,…omissis…

Minn din ix-xhieda jirriżulta bl-aktar mod ċar, illi l-konvenuta kienet ben konxja tas-self, li kien qed isir u li tiegħu hija u żewġha daħlu garanti solidali flimkien mas-soċjetà konvenuta. Il-kunsens tagħha la kien ivvizzjat bi żball dwar fatt u lanqas dwar il-persuna. Hi stess ma timputa l-ebda nuqqas da parti tal-bank attur.

Is-Sitt Eċċezzjoni.

Stante li l-eċċezzjoni tal-intempestività kif ġa sottomess mhix fondata la fil-fatt u lanqas fid-dritt u stante li l-konvenuta ma ħallsitx il-pretenzjoni tal-Bank, fil-mori tal-kawża iżda għaddiet biex ġabet l-eċċezzjonijet kollha li setgħet, l-ispejjeż tal-preżenti proċeduri għandhom jiġu akkollati lill-konvenuti.

Is-Seba' Eċċezzjoni.

L-ammont reklamat huwa l-ammont preċisament dovut u għalhekk ma hux eċċessiv. Jirriżulta mill-prospetti eżebiti

It has no factual basis and it is not upheld by any legal argument …omissis…

The Third Plea.

This plea with all respect is frivoulous. It upholds that once the other sureties in solidum were freed from the suretyship (since they paid their share) then the defendant Carmen Bonavia was also freed from the suretyship. There is not much to state about such a plea except that it is completely unfounded in fact and at law and is not supported by any provision of law or jurisprudence…omissis…

The Fourth Plea.

The defendant pleads that the action is untimely and invokes clause 3 of the writing of the 3rd September 1999 ...omissis... in virtue of this plea the defendant wants to mean that she was not notified by a 'notice in writing' before the present cause was filed. This plea is also unfounded in fact and at law. It results that the defendant Carmen Bonavia and her husband were called upon by a judicial letter number 1110/2003, filed on the 12th September 2003 and duly notified to the spouses Bonavia ...omissis… without prejudice to the premised the jurisprudence of the Maltese Courts upholds that a sworn application in itself amounts to a calling for payment …omissis…

The Fifth Plea.

The defendant pleaded that the suretyship of the 3rd September 1999, is null and without effect, because it alleges that her consent 'was vitiated by a mistake of fact or rather as regards the person'. In the first place the defendant brought no proof which remotely substantiates this plea …omissis…

From this evidence it results most clearly, that the defendant was well aware of the loan, which was being made and of which together with her husband they were sureties in solidum together with the defendant company. Her consent was not vitiated by a mistake of fact nor as regards the person. She herself does not impute any default on the part of the plaintiff bank.

The Sixth Plea.

Since the plea of untimeliness as already submitted is not founded in fact and at law and since the defendant did not pay the claim of the Bank, during the proceedings, but passed on to bring forward all the pleas she could, the costs of the present procedures are to be charged to the defendants.

The Seventh Plea.

The amount claimed is that precisely due and is thus not excessive. It results from the prospects exhibited especially

senjatament DOK HSBC V eżebit mal-affidavit ta' Dott. Daphne Dodebier, illi l-ammont kapitali dovut jammonta illum għal €97,854.65, bl-imgħax bi 8% pa mid-19 ta' Ottubru 1999, sad-data tal-effettiv pagament. Għalhekk din l-aħħar eċċezzjoni hija infondata.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Bank esponent jissottometti bir-rispett illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu akkolti, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

Esponenti: 116, Archbishop Street, Valletta.

Notifiki: 1. …omissis…
2. …omissis…
3. Shelving Systems Limited,
Independence Avenue,
Mosta.

Il-kawża Ċitazzjoni numru 669/2005 FS, fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Shelving Systems Ltd et noe hija differita għas-smigħ għall-11 ta' Ġunju 2009, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Mejju 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

DOC HSBC V exhibited with the affidavit of Dr Daphne Dodebier, that the global amount due amounts today to €97,854.65, with interest at 8% pa from the 19th October 1999, till the date of effective payment. Thus this last plea is unfounded.

For these reasons the interpellant Bank, submits with respect that the plaintiff's demands are to be upheld, with costs against the defendants.

Interpellant: 116, Archbishop Street, Valletta.

Services: 1. …omissis…
2. …omissis…
3. Shelving Systems Limited,
Independence Avenue,
Mosta.

The cause Writ of Summons number 669/2005 FS, in the names HSBC Bank Malta plc vs Shelving Systems Ltd et noe, is put off for hearing to the 11th June 2009, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 28th May 2009.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

938

B'digriet mogħti fis-17 ta' Diċembru 2008, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Dott. Kai Jochimsen noe vs Attard Renato, rikors numru 77/2007 GG, il-Bord li Jirregola l-Kera, ordna is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Dott. Kai Jochimsen għan-nom u in rappreżentanza ta' Beatrice Margarita Wagner detentriċi tal-Karta tal-Identità Ġermaniża bin-numru 611720061/0612025/ 00071574 vs Renato Attard (KI 87559M) ir-rikorrenti Beatrice Margarita Wagner, esponiet bir-rispett:

Illi r-rikorrenti hija s-sid tal-fond bin-numru sebgħa u erbgħin (47) Triq il-Wied, Birkirkara, liema fond l-intimat qed jiddetjeni b'titolu ta' kera;

Illi għal perjodu twil ħafna l-fond imsemmi nżamm magħluq u abbandunat, …omissis…

Illi in oltre fil-fond in kwistjoni ġew ikkaġunati diversi ħsarat;

Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett kollu li dan il-Bord jogħġbu jawtorizzaha tirriprendi l-pussess tal-fond

By a decree given on the 17th December 2008, in the records of the Application in the names Dr Kai Jochimsen noe vs Attard Renato, application No. 77/2007 GG, the Rent Regulation Board, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Rent Regulation Board, in the names Dr Kai Jochimsen in the name and in representation of Beatrice Margarita Wagner, holder of German Identity Card with number 611720061/0612025 /00071574 vs Renato Attard (ID 87559(M) the applicant Beatrice Margarita Wagner, pleaded with respect:

That the applicant is the owner of the premises with number forty seven (47) Valley Road, Birkirkara, which premises the respondent is holding by title of lease;

That for a long period the premises was kept closed and abandoned …omissis…

That furthermore in the premises in question various damage was caused;

That the applicant prays with all respect that this Board authorizes her to take possession of the premises with number

bin-numru sebgħa u erbgħin (47) Triq il-Wied, Birkirkara u li għal fini tal-iżgumbrament jiġi prefiss lill-intimat terminu qasir u perentorju.

Bl-ispejjeż.

Rikorrenti: c/0 Dott. Kai Jochimsen, 183/2, Rudolphe Street, Tas-Sliema.

Intimat: 47, Triq il-Wied, Birkirkara.

Ir-Rikors fl-ismijiet Dott. Kai Jochimsen noe vs Attard Renato, rikors numru 77/2007 GG, jinsab differit għan-notifika tal-intimat għas-17 ta' Gunju 2009, fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Bord li Jirregola l-Kera) illum 29 ta' Mejju 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

forty seven (47) Valley Road, Birkirkara, and for the purpose of eviction there be fixed a short and peremptory period.

With costs.

Applicant: c/0 Dr Kai Jochimsen, 183/2 Rudolphe Street, Sliema.

Respondent: 47, Valley Road, Birkirkara.

The Application in the names Dr. Kai Jochimsen noe vs Attard Renato, application number 77/2007 GG, has been put off for service of the respondent to the 17th June 2009, at 9.30 a.m.

Registry of the Superior Courts (Rent Regulation Board) today 29th May 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

939

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-28 ta' Mejju, 2009, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Antonio Micallef Trigona, LL.D.), fil-Kawża Kumpilazzjoni Numru 514/2009 fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafà)

kontra

CARMEN SANTONOCITO NEÈ MANGION, 37 sena, bint Felix Mangion u Adelaide neè Mizzi, imwielda Pietà fit-13 ta' Ottubru, 1971, u residenti f'Orchid, Flat 7, Triq Vajrita, Marsaskala, u detentriċi tal-karta tal-identità nru 446171(M).

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-propretà mobbli kollha li huma dovuti lilha jew imissu lilha, jew li huma proprjetà ta' Carmen Santonocito neè Mangion u pprojbitha milli tittrasferixxi, tagħti b'rahan, tipoteka jew xort'oħra tiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbi ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 29 ta' Mejju, 2009
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

JOSEPH SACCO
Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali

It is being notified that by a decree dated 28th May, 2009, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Antonio Micallef Trigona, LL.D.) Court Case Number 514/2009 in the names:

The Police
(Inspector Angelo Gafà)

versus

CARMEN SANTONOCITO NEE' MANGION, 37 years, daughter of Felix Mangion and Adelaide neè Mizzi, born at Pietà on the 13th October, 1971, and residing at Orchid, Flat 7, Triq Vajrita, Marsaskala, and holder of identiy card No 446171(M).

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all moneys and other movable property due or pertaining or belonging to Carmen Santonocito neè Mangion and prohibited her from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property according to Article 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Chapter 373 of the Laws of Malta and Article 23(A) of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Today, 29th May, 2009.
Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

JOSEPH SACCO
Registrar Criminal Courts and Criminal Tribunals

940

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-28 ta' Mejju, 2009, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Antonio Micallef Trigona, LL.D.), fil-Kawża Kumpilazzjoni Numru 518/2009 fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Norbert Ciappara)

kontra

MARK PISANI, 30 sena, bin Alexander u Loreta neè Cauchi, imwieled Ħ'Attard fil-11ta' Novembru, 1978 u residenti 'Il-Veduta', Triq Baħar iċ-Ċagħaq, (Baħar iċ-Ċagħaq), Naxxar u detentur tal-Karta tal-Identità nru 17179(M). u

MARCO FARRUGIA, 40 sena, bin Joseph u Grace neè Psaila, imwieled San Ġiljan fis-17 ta' Ottubru, 1968 u residenti 'The Deeping', Triq l-Iskola, Msida u detentur tal-karta tal-identità numru 500268(M).

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, l-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lil Mark Pisani u/jew Marco Farrugia jew li huma proprjetà tagħhom u pprojbithom milli jittrasferixxi jew xort' oħra jiddisponu minn xi proprjetà mobbli jew immobbi ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminiali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum, 29 ta' Mejju, 2009.

JOSEPH SACCO
Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali

It is being notified that by a decree dated 28th May, 2009, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr.Antonio Micallef Trigona, LL.D.) Court Case Number 518/2009 in the names:

The Police
(Inspector Norbert Ciappara)

versus

MARK PISANI, 30 years, son of Alexander and Loreta neè Cauchi, born at Attard on the 11th November, 1978 and residing at Il-Veduta, Triq Baħar iċ-Ċagħaq, (Baħar iċ-Ċagħaq), Naxxar and holder of Identity Card No 17179(M) and

MARCO FARRUGIA, 40 years, son of Joseph and Grace neè Psaila, born at St Julians on the 17th October, 1968 and residing at The Deeping, Triq l-Iskola, Msida and holder of Identity card No.500268(M).

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all moneys and other movable property due or pertaining or belonging to Mark Pisani and/or Marco Farrugia and prohibited them from transferring or otherwise disposing of any movable or immovable property and this according to Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta), today, 29th May, 2009.

JOSEPH SACCO
Registrar Criminal Courts and Criminal Tribunals

941

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-26 ta' Mejju, 2009 fuq rikors ta' Sado Co Ltd ġie ffissat il-jum tal-Ġimgħa, 12 ta' Ġunju, 2009 f'nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'Attrans Ltd, Triq Ġdida fi Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Publishers Enterprises Group.

Heidelberg Sorsz 2 offset printing machine, c/w switch board, vacuum pumps etc, 72 x 102 cm
Large Stahl Hard Bound Cover Printing Machine VBF DM 300
Large Muller Martini-Amigo Perfect Binding Machine
Large Perfecta 3 knive trimmer Model SDY 1

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 29 ta' Mejju, 2009.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS), MA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on 26 May, 2009 on the application of Sado Co Ltd, Friday, 12 June, 2009 at twelve noon has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at Attrans Ltd, New Street in Mdina Road, Zebbug of the following items seized from the property of Publishers Enterprises Group.

Heidelberg Sorsz 2 offset printing machine, c/w switch board, vacuum pumps etc, 72 x 102 cm
Large Stahl Hard Bound Cover Printing Machine VBF DM 300
Large Muller Martini-Amigo Perfect Binding Machine
Large Perfecta 3 knive trimmer Model SDY 1

Registry of the Superior Courts, this Friday, 29 May, 2009.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS), MA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

942

B'żewġ digrieti mogħtija fil-15 ta' April 2008 u fil-5 ta' Mejju 2009, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1263/07 AF, fl-ismijiet Direttur Qrati Ċivili u Tribunali vs Borg Romina, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali vs Romina Borg (KI 47169M) fit-30 ta' Novembru 2007, ir-rikorrenti talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Issib lil Romina Borg ħatja ta' disprezz għall-Awtorità tagħha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess Romina Borg għall-pieni preskritti mil-liġi fl-istess Titolu XV11 imsemmi fir-rikors.

Bl-ispejjeż, kontra Romina Borg li minn issa hija inġunta in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma tidhirx hija tista' tigi mġiegħla biex twieġeb għall-akkuzi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Lista tax-xhieda.

Lista tad-Dokumenti.

Permezz ta' Avviż għas-smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, it-Tlieta 27 ta' Jannar 2009, ir-Rikors Ġuramentat numru 1263/2007 AF, fl-ismijiet Direttur Qrati Ċivili u Tribunali vs Borg Romina ġie imqiegħed fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu it-Tlieta 24 ta' Frar 2009, fl-12.00 p.m.

B'ordni tal-istess Qorti ir-Rikors hawn fuq imsemmi ġie differit għall-25 ta' Ġunju 2009, fid 9.00 a.m.

Rikorrenti: Il-Qorti, il-Belt, Valletta.

Intimata: Flat 6, Cortile di Maria,
Triq Bieb it-Torri,
Msida.

Reġistru tal-Qrati Superjuri.

Illum 29 ta' Mejju 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of two decrees given on the 15th April 2008 and the 5th May 2009, in the records of the Sworn Application number 1263/07 AF, in the names Director Civil Courts and Tribunals vs Borg Romina, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names the Director Civil Courts and Tribunals vs Romina Borg (ID 47169M) on the 30th November 2007, the applicant asked this Honourable Court:

1. To find Romina Borg guilty of contempt towards its Authority in terms of Title XVII of the Third Book of Cap. 12 and

2. Consequently condemn the same Romina Borg, to the penalties prescribed by law in the same Title XV11 mentioned in the application.

With costs against Romina Borg, who is from now summoned so that a reference to her evidence be made and who is warned that if she does not appear she can be made to answer for the charges by means of a warrant of escort or arrest.

List of witnesses.

List of Documents.

By means of a Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts, on Tuesday 27th January 2009, the Sworn Application number 1263/2007 AF, in the names Director Civil Courts and Tribunals vs Borg Romina was put on the list of causes which are to be heard on Tuesday 24th February 2009, at 12.00 p.m.

By order of the same Court, the application above mentioned was put off to the 25th June 2009, at 9.00 a.m.

Applicant: Courts of Justice, Valletta.

Respondent: Flat 6, Cortile di Maria,
Tower Gate Street,
Msida.

Registry of the Superior Courts.

Today 29th May 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

943

B'digriet mogħti fit-18 ta' Novembru 2008, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 469/2005 GCD, fl-ismijiet Lombard Bank Malta p.l.c. vs Shield Services Limited et, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Lombard Bank Malta p.l.c. ippreżentaw Ċitazzjoni, fis-16 ta' Mejju 2005, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Shield Services Limited, bħala debitur prinċipali u Mark u Michelle konjugi Randon, bħala garanti solidali, fejn talbu il-konvenuti, jiddikjaraw għaliex m'għandhomx minn din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi:

1) Jigu solidalment ikkundannti iħallsu l-Bank attur s-somma ta' €28,155.97 oltre, l-imghax sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti.

Attur: 67, Republic Street, Valletta.

Konvenuti: 1) Shield Services Limited, 1, Old Railway Road, Santa Venera, HMR 16.

2) Mark u Michelle konjugi Randon, 132, Valley Road, Birkirkara, (2 notifiki).

Il-kawża Ċitazzjoni numru 469/2005 GCD, fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc vs Shield Services Ltd et, tinsab differita għas-16 ta' Gunju 2009, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Mejju 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 18th November 2008, in the records of the Writ of Summons number 469/2005 GCD, in the names Lombard Bank Malta plc vs Shield Services Limited et, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of services of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

Lombard Bank Malta p.l.c. filed a Writ of Summons, on the 16th May 2005, the First Hall Civil Court, against Shield Services Limited as principal debtor and Mark and Michelle spouses Randon, as sureties in solidum, whereby they asked the defendants , to state why they should not for the reasons premised by this Court:

1) Be condemned in solidum to pay the plaintiff Bank the sum of €28,155.97 besides interest till the effective payment.

With costs and legal interest against the defendants.

Plaintiff: 67, Republic Street, Valletta.

Defendants: 1) Shield Services Limited, 1, Old Railway Road, Santa Venera, HMR 16.

2) Mark and Michelle spouses Randon, 132, Valley Road, Birkirkara (two services).

The cause Writ of Summons number 469/2005 GCD, in the names Lombard Bank Malta plc vs Shield Services Ltd has been put off to the 16th June 2009, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 29th May 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

944

B' digriet mogħti fit-2 ta' Lulju 2008, fl-atti tar-Rikors Numru 557/07 AF, fl-ismijiet Maltacom plc vs Vassallo George, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Maltacom plc (C 22334) kontra George Vassallo, fit-18 ta' Mejju 2007, is-soċjetà Maltacom plc esponiet bir-rispett:

By a decree given on the 2nd July 2008, in the records of the Application No. 557/07 AF, in the names Maltacom plc vs Vassallo George, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Maltacom plc (C 22334) against George Vassallo, on the 18th May 2007, the company Maltacom plc pleaded with respect:

Illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Ċitazzjoni Nru 1227/98 GV) ġiet deċiza minn din il-Qorti fil-15 ta' Lulju 1998, u fl-istess kawża l-konvenut ġie kkundannat iħallas lill-Maltacom plc is-somma ta' €2,653.62, in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 376285, bl-imgħax u bl-ispejjeż.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut għadu ma ħallas xejn u b'hekk l-ammont dovut fil-mument huwa tas-sorte fuq indikati, oltre …omissis… u għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' €4,782.06 salv kull imgħax ulterjuri, sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel riferenza għall-Artikolu 258 et. sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rikorrenti: Maltacom plc (C 22334) –Telgħet Spencer, Marsa.

Intimat: George Vassallo (KI 376066M)
St. Julian's Crt, Blk C, Fl 12,
Triq is-Sur Fons,
San Ġiljan.

jew

George Vassallo,
St. Julian's Court, Blk C , Flat 27,
Triq is-Sur Fons,
San Ġiljan.

Ir-Rikors fl-ismijiet Maltacom plc vs Vassallo George, Rikors Nru 557/2007 AF, ġie differit għas-17 ta' Ġunju 2009, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri.

Illum 29 ta' Mejju 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That the cause in the names above premised (Writ of Summons No. 1227/98 GV) was decided by this Court on the 15 th July 1998 and in the same cause the defendant was condemned to pay Maltacom plc the sum of €2,653.62 in connection with telephone service number 376285, with interest and with costs.

That from the said sum the defendant has not yet paid anything and thus the amount due at the moment is of the capital above indicated, besides ...omissis... and thus the amount due to applicants is of €4,782.06 saving any further interest, till the date of effective payment.

That from the date of the judgement there lapsed more than five (5) years and the applicant company has an interest to proceed with the opportune warrants to collect the amount due to it.

Thus the applicant whilst referring to Article 258 et. sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) of the Laws of Malta prays with respect that this Honourable Court proceeds with the opportune warrants to execute the judgement in the names above indicated.

Applicant: Maltacom plc (C 22334) Spencer Hill, Marsa.

Respondent: George Vassallo (Id 376066M)
St. Julian's Court, BlkC, Flt 12,
Triq is-Sur Fons,
St. Julian's.

or

George Vassallo,
St. Julian's Court, Blk C, Flat 27,
Sur Fons Street,
St. Julian's.

The Application in the name Maltacom plc vs Vassallo George, Application No. 557/2007 AF, has been put off to the 17th June 2009, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts

Today 29th May 2009.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

945

B'digriet mogħti fit-22 ta' Mejju 2009, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 124/09 JA, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Id-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali bħala Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili vs Mark Debono (ID 26397M) u Waterproof –it Limited (C 16803) fit-12 ta' Frar 2009, talbu l-intimati in vista ta' dak espost fir-rikors, jgħidu għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1.Issib lill intimati jew min minnhom ħatja ta' disprezz kontra l-Awtorità tagħha, ai termini tal-Artikolu 997 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-intimati jew min minhom għall-pieni indikati fl-istess Artikolu u għall-priġunerija għal żmien sa xahar jew għal multa ta' mhux inqas minn €233 u mhux aktar minn €2,330 jew għall-multa u priġunerija flimkien.

3. Timponi kwalunkwe ordni oħra meħtieġa fuq l-intimati jew min minnhom ai termini tal-Artikolu 997 sub-Artikolu 2 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluz billi tiffissa żmien perentorju sakemm dawn l-istess ordinijiet għandhom jiġu sodisfatti mill-intimati jew min minnhom;

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati in subizzjoni u bir-riserva ta' kull dritt ta' azzjoni ulterjuri skont il-liġi.

Lista ta' xhieda tar-Rikorrent.

Lista ta' Dokumenti.

Rikorrenti: Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt, Valletta.

Intimati: 1) Mark Debono, 29, Mimosa, Triq F. Vidal, Swieqi.

2) Waterproof – It Ltd, 29, Mimosa, Triq F. Vidal, Swieqi.

Ir-Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Direttur Qrati Ċivili u Tribunali vs Debono Mark et, rikors numru 124/09 JA, jinsab differit għas-smigħ għat-22 ta' Ġunju 2009, fid-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 1 ta' Ġunju 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Ghar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 22nd May 2009, in the records of the Sworn Application number 124/09 JA, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Director Civil Courts and Tribunals as Registrar Civil Courts and Tribunals vs Mark Debono (ID 26397M) and Waterproof –it Limited (C 16803) on the 12th February 2009, asked the respondents, in view of that stated in the application, why this Honourable Court should not:

1. Find the respondents or either of whom guilty of contempt towards its Authority in terms of Article 997 of Cap. 12 of the Laws of Malta.

2. Condemn the respondents or either of whom to the penalties indicated in the same Article and to imprisonment for up to a period of one month or a fine of not less than €233 and not more than €2,330, or to a fine or imprisonment together.

3. To impose any other necessary order on the respondents or either of whom in terms of Article 997 sub-Article 2 of Cap. 12 of the Laws of Malta, including the fixing of a peremptory period until when, these orders are to be satisfied by the respondents or either of whom;

With costs and the respondents are summoned so that a reference to their evidence be made and saving any further action according to law.

List of witnesses of Applicant.

List of Documents.

Applicant: Courts of Justice, Valletta.

Respondents: 1) Mark Debono - 29, Mimosa, Triq F. Vidal, Swieqi.

2) Waterproof – It Ltd 29, Mimosa, Triq F. Vidal, Swieqi.

The Sworn Application, in the names Director Civil Courts and Tribunals vs Debono Mark et, application number 124/09 JA, has been put off for hearing to the 22nd June 2009, at 9.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 1st June 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*